# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru.: 77/2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kylie Borg)**

**-Vs-**

**SERGIO BORG**
**(ID: 201980M)**

**Illum, 5 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi **SERGIO BORG** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 201980M, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-6 ta' Jannar 2020 u fil-granet u xhur ta' qabel din id-data, gewwa Cekcek Farm, Tal-Hlas, Haz-Zebbug:-

1. gieghel annimali u cioe' klieb isofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u kif ukoll talli abbanduna l-imsemmija klieb;

2. u aktar talli naqas milli jkun responsabbli għat-trattament xieraq ta' l-annimali, meta żamm l-annimali jew qabel li jżomm annimali u ċioe' klieb;

3. u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirokostanzi, naqas milli jieħu l-passi raġonevoli f'ċirkostanza biex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-annimali li huwa responsabbli għalihom jew li qabel li jieħu ħsieb, u ċioe' klieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali u ċioe' klieb. (Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġijiet ta' annimal tkun tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta' sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġieba tiegħu b'mod normali, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard);

4. u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, rabat, qafel, rabat b'katina jew irristrinġa klieb, jew ikkawża klieb li jintrabtu, jinqablu jew jintrabtu b'katina, marbuta ma' kwalinkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma tal-klieb jew bħala mezz primarju ta' żamma tal-klieb,

5. u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, żamm kelb ta' erba' xhur jew aktar, mingħajr liċenzja,

6. u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, żamm klieb ġo magħlaq iżgħar mill-minimu permess,

Barra minn dan, l-imputat Sergio Borg huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija defenittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fit-13 ta' Frar 2020[1] a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2020, hija rilevat illi missier il-Magistrat sedenti prezentement jokkupa l-kariga ta' Kummissarju ghall-Harsien tal-Annimali u li dan l-istat ta' fatt jista' jaghti lok ghal dehra ta' nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva u kwindi ghal raguni ghar-rikuza tal-istess Magistrat sedenti f'din il-kawza;

Semghet lill-Prosekuzzjoni kif ukoll lid-difensur tal-imputat jiddikjaraw waqt l-istess seduta, illi minkejja l-fatti rilevati, huma ma ghandhom l-ebda oggezzjoni u jaqblu espressament li din il-Qorti kif preseduta tisma' u tiddeciedi din il-kawza;

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020, l-Ufficjal Prosekutur qrat u halfet l-akkuzi bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat, li wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat illi gew osservati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9, meta l-imputat gie mwissi bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti tatu zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tar-reati li jinsab mixli bihom u fissritlu kjarament il-piena erogabbli fuq sejbein ta' htija ghall-imputazzjonijiet relattivi.

[1] Fol. 31.

Rat id-dokumenti kollha prodotti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat waqt l-ezami fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 ammetta bla rizerva ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrih. Ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat, kif ukoll l-addebitu tar-recidiva, gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat ukoll;

Fl-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija, l-imputat spjega illi huwa kien jikri r-razzett fejn kienu jinzammu l-annimali in kwistjoni, ghal cirka sitt snin u fis-6 ta' Jannar 2020, meta l-ufficjali tad-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali accedew f'dan ir-razzett, dan kien ghadu mikri ghandu. Jirrizulta li l-imputat ma kienx joqghod f'dan ir-razzett u li dan kien jintuza biss biex jinzammu fih l-annimali tieghu. Hu qal illi f'dan ir-razzett huwa kien izomm hamest iklieb (li wiehed minnhom ma kienx *micro-chipped*), diversi fniek, zewg sriedak u beccun.

L-imputat kompla jispjega illi fit-tliet xhur qabel is-6 ta' Jannar 2020, beda jsib li l-access tieghu ghar-razzett kien qed jigi ostakolat b'mod deliberat minn terzi persuni b'mod li ma setax jibqa' jidhol fir-razzett mill-bieb bhalma kien jaghmel qabel, u biex jidhol kellu jaqbez minn xi hajt ghal gewwa r-razzett. Stqarr illi minhabba f'hekk huwa ma setax ikompli jmur kuljum, kif kien jaghmel qabel, biex jaghlef lill-annimali u jnaddfilhom u lanqas seta' jibqa' johrog il-klieb biex jaghmlu ftit ezercizzju. Qal ukoll li billi r-razzett m'huwiex attrezzat b'sistema tal-elettriku, hu ma setax jiehu hsieb lill-annimali minhabba d-dlam.

L-imputat jistqarr illi minkejja d-diffikoltajiet li beda jirriskontra biex jikseb access regolari ghar-razzett, u kwindi biex jiehu hsieb l-annimali tieghu, hu ma ha l-ebda azzjoni biex jenforza d-drittijiet tieghu ta' access.

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa kaz ta' mohqrija ta' annimali da parti tal-imputat liema mohqrija, lil hinn mill-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontrih, mhux biss jirrizulta b'mod manifest mill-atti processwali izda hija wkoll, fil-fehma tal-Qorti, wahda estrema. Huwa minnu li dan l-istat ta' fatt ma jidhrix li huwa frott ta' xi att pozittiv imwettaq deliberatament mill-imputat fil-konfront tal-annimali li kienu fil-kustodja tieghu, izda dan ma jnaqqas assolutament xejn la mit-tbatija u dwejjaq li evidentement soffrew l-annimali in kwistjoni, u lanqas mill-htija tal-imputat ghar-reati lilu addebitati. Ghall-kuntrarju, fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ilahhqu jekk mhux jeccedu, f'dak li huwa mohqrija u krudelta`, kaz ta' att pozittiv ta' sadizmu.

Infatti, l-Artikolu 2 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:-

*"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa*."

Il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw sfiq f'din id-definizzjoni legali ta' "*mohqrija*": minn ezami tal-atti li ghandha quddiemha l-Qorti, jirrizulta li kien hemm abdikazzjoni totali u assoluta da parti mill-imputat mill-harsien tal-benessere u l-htigijiet - anke dawk mill-iktar bazici - ta' dawn l-annimali <u>fuq perijodu ta' xejn anqas minn tliet xhur</u>. Kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu, l-imputat, ghad kien ben konxju tal-effetti detrimentali li dan in-nuqqas kien inevitabbilment qed jirreka fuq il-benessere tal-istess annimali, minflok ha azzjoni tempestiva biex jizgura dawn l-annimali ma jkunux neqsin minn ikel, ilma, esercizzju, indafa u igene, akkomodazzjoni xierqa u spazju adegwat biex jghixu minghajr tbatija, ugigh u dwejjaq bla bzonn, iddecieda li jaghlaq ghajnejh u ma jaghmel <u>assolutament xejn</u> biex ihares l-interessi taghhom u b'hekk ikkundannahom, gurnata wara l-ohra, ghal mewt iddisprat.

<u>Effettivament, dawn l-annimali spiccaw thallew ghal tliet xhur shah fid-dlam, jghixu bil-guh u fil-hmieg taghhom stess, u fuq kollox neqsin mill-iktar htigijiet bazici li ghalihom kienu jiddependu totalment mir-rieda tal-imputat</u>. Kemm hu hekk, jirrizulta mill-atti illi waqt l-ispezzjoni li wettqu fir-razzett fis-6 ta' Jannar 2020, l-ufficjali tad-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali sabu diversi annimali - fosthom qanfud, ghasfur u zewg sriedak – mejtin, imdawrin bil-hmieg taghhom u minghajr ebda ikel u ilma, b'uhud minnhom maqfulin gewwa gageg.

Dan l-agir kundannabbli jinsab ulterjorment manifestat mis-segwenti brani mehudin mill-istqarrija tal-imputat:-

"M. *Jigifieri hallejt il-klieb, it-tigieg u l-hamiem bil-guh u minghajr ilma, nghid sew?*

T. *Mhux tliet xhur shah. Meta kont insib il-bieb miftuh, kont nidhol.*"[2]

B'referenza ghas-sriedak li nstabu mejtin go xkora fir-razzett, l-imputat qal:-

"T. *Dawk mietuli u mhux ser tarmihom barra.*
M. *Biex mietu? Bil-guh u bil-ghatx?*
T. *Ma nahsibx.*
M. *Mela biex mietu?*
T. *Ma nafx.*"[3]

Imbaghad, meta gie mistoqsi ghaliex tnejn mill-klieb instabu marbutin bi ktajjen, l-imputat ghalkemm qal illi dawn kienu jigdmu, stqarr ukoll illi meta ma kienx ikun ir-razzett, dawn il-klieb xorta kien ihallihom marbutin u bhala spazju, kellhom biss, fi kliemu stess, "*metru u nofs*".

Ikkunsidrat;

Effettivament, din l-imgieba passiva izda mill-iktar sadistiku tal-imputat fil-konfront tal-annimali li kien izomm fir-razzett in kwistjoni, hija manifestata fl-atrocitajiet deskritti mill-ufficjali tad-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali fir-rapport dwar l-ispezzjoni li huma wettqu fis-6 ta' Jannar 2020 gewwa l-imsemmi razzett[4]. Din l-ispezzjoni twettqet fuq rapport li sar lid-Direttorat mhux mill-imputat, izda minn terza persuna. Fir-rapport relattiv, gie kostatat is-segwenti:-

"*Both dogs were very very skinny and the pen was filled with dog excrement which seemed clear enough that the owner was not cleaning up the place. The dogs had no food and no sign of water in the bowls either. ... Going further*

[2] Stqarrija tal-imputat tal-1 ta' Frar 2020, fol. 5 *et seq*.
[3] Stqarrija tal-imputat, fol. 7
[4] Rapport a fol. 12 *et seq.*

*inside the premises there was another pitbull tied with a short chain which was also found to be skinny and in [a] very filthy environment filled with dog excrement. No dog food and no water was available for this dog either.*

…

*Inside a room at the very end of the premises, which was locked with a chain and a padlock, there was another Pitbull brindle tied with a short chain of about half a metre to an iron cage in which another small dog – a Pitbull cross (puppy) was being kept.*

…

*The small puppy inside the case which was filled with dog excrement (as per photos attached) had bowls completely empty having no food or water whatsoever.*

…

*In the back room behind the dogs, there were two chickens kept in cases on the right side of the room in rusty cages and in very filthy conditions. All animals were found with a lack of water and food.*

…

*Inside the room where the dogs were found, there was also a hedgehog dead inside a very filthy cage filled with its own excrement. The hedgehog had no food and no water available and seemed to have starved. The was also a dead canary inside a filthy cage with no food and water just like the hedgehog.*"

Dawn il-kostatazzjonijiet jinsabu pjenament konfortati mir-ritratti esebiti fl-atti[5] kif ukoll mill-filmat li ttiehed waqt l-istess spezzjoni[6]. Ma jistax ma jigix emfasizzat illi dawn l-immagini huma <u>xokkanti, orrendi u tat-tkexkix</u>. Huwa difficli jekk mhux impossibbli jitwemmen kif bniedem jista' xjentement jaghzel li jabbanduna lill-annimali tieghu - li wara kollox kienu totalment dipendenti minnu ghall-inqas bzonnijiet taghhom galadarba huwa kien qafilhom fir-razzett -

[5] Fol. 14 *et seq*.
[6] USB drive esebit bhala Dok. KB1, fol. 39.

f'cirkostanzi bhal dawk riskontrati fil-kaz in dizamina, fejn l-estremi tal-hmieg, dlam, nuqqas ta' ikel u xorb, fost ohrajn, tant holqu tbatija, dwejjaq u ugigh ghall-istess annimali li dawn waslu fix-xifer tal-mewt u whud minnhom addirittura mietu. *Multo magis* meta ma jirrizultax illi l-imputat ma ghamel ebda gwadann, qligh jew vantagg iehor evidenti mit-twettiq ta' dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

B'referenza ghas-sottomissjoni tad-difiza waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, ghall-fatt illi l-imputat ma kellux access ghar-razzett, fic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx illi dan il-fattur, jekk inhuwa minnu, jista' jkun ta' fejda ghalih u lanqas jista' jservi bhala mitiganti ghall-finijiet tal-piena. Hu ovvju li kien hemm diversi mezzi disponibbli lill-imputat biex jirrimedja s-sitwazzjoni li skont hu, ostakolatu milli jiehu hsieb l-annimali tieghu, izda evidentement, il-harsien tal-annimali tieghu ma kienx fost il-prijoritajiet tieghu. Mhux talli ma hax hsieb li jirrapporta lill-awtoritajiet u b'mod tempestiv, id-diffikoltajiet li allegatament irriskontra fl-access ghal u konsegwentement fil-harsien tal-annimali li kellu maqfulin fir-razzett, talli minflok webbes rasu kontra l-bzonnijiet ta' dawk l-annimali u ghazel li abbandunahom totalment bir-rizultat li batew bl-iktar mod kiefer imaginabbli. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kien biss bl-intervent tad-Direttorat ghall-Harsien tal-Annimali li l-klieb u l-fniek ma lahqux mietu.

Ikkunsidrat;

Dan kollu jsarraf fi ksur sfiq u palezi, kif del resto ammess mill-imputat innifsu, tad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4) tal-Artikolu 439 tal-Kap. 439 liema provvedimenti, fost ohrajn, huma intizi biex jittutelaw lill-annimali proprju kontra agir bhal dan. B'applikazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Att, dawn ir-reati huma punibbli bi piena ta' prigunerija ghal mhux iktar minn tliet snin jew b'multa ta'

mhux inqas minn €2,000 u mhux iktar minn €65,000, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

Oltre ghall-addebitu tar-recidiva, l-imputat ammetta wkoll ghall-ksur tar-regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.21 meta stqarr u del resto jirrizulta, li huwa kien izomm tnejn mill-klieb tieghu maqfulin regolarment b'katina marbuta ma' oggett wieqaf u illi zammhom go maghlaq izghar mill-minimu permess. Bl-applikazzjoni tar-regolament 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.21, dawn ir-reati li huma oggett tar-raba' u s-sitt imputazzjonijiet, huma punibbli bil-pieni stabbiliti ghal ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att (Kap. 439). Hu ammetta wkoll il-htija tieghu kwantu zamm kelb minghajr licenzja bi ksur tar-regolament 5(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 437.101.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi tal-kaz kif fuq dettaljati, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-ko-operazzjoni tieghu waqt l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, il-fedina penali mhux refrattarja tieghu u l-konkorrenza formali ta' diversi mir-reati u pieni stante illi l-istess fatti jaghtu lok ghall-ksur ta' dispozizzjonijiet differenti tal-ligi. Izda fl-istess waqt, ikkunsidrat ukoll l-ammont imdaqqas ta' annimali li l-imputat abbanduna fir-razzett in kwistjoni, l-estremita` tal-kundizzjonijiet atroci li fihom instabu l-istess annimali, il-perijodu ta' zmien li fih thallew f'dawk il-kundizzjonijiet u l-fatt li whud minnhom mietu bhala rizultat dirett ta' dawn l-istess kundizzjonijiet. Ikkunsidrat ukoll in-nuqqas assolut ta' xi turija ta' rimors da parti tal-imputat ghat-tbatija estrema u bla bzonn li gieghlhom jghaddu minnha dawn l-annimali u l-fatt li huwa ammetta li huwa recidiv. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-piena erogata ghandha tirrifletti l-qofol ta' kefrija murija mill-imputat u mwettqa minnu fil-konfront tal-annimali

tieghu, meta kkundannahom ghall-iktar destin kiefer immaginabbli b'rizultat tal-imgieba deliberata ghad passiva, tieghu.

Id-drittijiet tutelati mill-provvedimenti tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti promulgati bis-sahha tal-Att relattiv, jehtiegu li d-drittijiet tal-annimali jigu rispettati u li l-bniedem li juza, jabbuza u jiddisponi mill-annimali kif gieb u lahaq u skont kif jidhrilu fil-kumdita` tieghu, minghajr ma jassigura li dawn id-drittijiet jigu mharsa, ghandu jkun soggett ghall-effetti korrispondenti tal-ligi in materja.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(2)(3)(4) u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 3(1), 4 u 8, kif ukoll l-Iskeda (Regolament 4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.21 [Regolamenti Dwar Iż-Żamma Tal-Klieb], ir-regolamenti 5(1) u 11(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 437.101 [Regolamenti Dwar L-Identifikazzjoni Elettronika Tal-Klieb] u l-Artikoli 17(b), 31 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil SERGIO BORG hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u hati wkoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah hmistax (15)-il xahar prigunerija effettiva.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba li saret ghall-finijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 stante li ma jirrizultax illi gew mahtura esperti jew periti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**